MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2010

Numru. 263/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Giorgio Asciak**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Giorgio Axiak li gie akkuzat talli f'dawn l-ahhar snin u cioe' qabel it-08.06.2007 f'Ghawdex:

1) Ebda negozjant jew haddiehor ma ghandu jbiegh jew xort'ohra jinnegozja jnehhi jew jitrasferixxi taht ebda titolu li jkun, xi arma regolari jew munizzjon minghajr ma jkollu licenzja jew permess mill-Kummissarju tal-Pulizija arma tan-nar bin-numru 362130

2) Naqas li zzomm l-istess arma tan-nar fil-kustodja tieghu b’mod li ma tigix f’idejn haddiehor.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet lill-imputat jammetti t-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat jikkontendi illi huwa akkwista l-arma tan-nar in kwistjoni ghal habta tal-1974. Huwa kellu jiehu xi flus minn ghand certu Leli u hallsu permezz ta’ dana is-senter. Ghal habta tas-snin tmenin ighid illi huwa kien bieghu lil terza persuna li lanqas jiftakar minn kien u li telaq lejn l-Awstralja, izda transfer ma sarx u baqa’ ihallas il-licenzja biex izomm l-istess arma sal-1994. Illi l-imputat jisnab akkuzat li ittrasferixxa l-arma tan-nar tieghu lill-persuna ohra li ma kellhiex licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dana a tenur tal-Artikolu 20 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll illi naqas milli izomm dina l-arma llicenzjata fuqu fil-kustodja tieghu u dana bi ksur tal-artikolu 47 tal-Kapitolu 480. Illi dana kollu sehh il fuq minn ghoxrin sena ilu, meta l-imputat itrasferizza l-arma tan-nar lil terza persuna li hu ma jiftakarx min hu u li telaq lejn l-Awstralja .

Illi d-difiza ghalhekk qed tissolleva il-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali, kif ukoll l-eccezzjoni illi l-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta li tahtu l-imputat jinsab akkuzat, ma kienx vigenti fi zmien illi sehh ir-reat;

Illi huwa minnu illi l-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta gie fis-sehh fil-hmistax (15) ta’ Awwissu 2006, qabel dan kienet vigenti l-Ordinanza Dwar l-Armi li saret ligi fid-29 ta’ Gunju 1931 u baqghet tigi sussegwentement emendata;

Illi l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat hija reat istantanju u ghalhekk il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta li fuqu hija msejsa l-ewwel (1) akkuza certament ma kienx

vigenti fiz-zmien li sehh dana ir-reat u kwindi ghalhekk l-imputat ma jista' qatt jinsab hati taht xi ligi li ma kinitx tezisti fiz-zmien illi sehh l-allegat fatt;

Illi ghalhekk il-Qorti ma hijiex ser tittratta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-ewwel akkuza stante illi l-imputat ghar-raguni hawn fuq esposta ser jigi liberat minn din akkuza;

Illi l-istess ma jistax jinghad fir-rigward tat-tieni akkuza. Illi l-imputat ihallas licenzja ghaz-zamma tal-arma tan-nar in kwistjoni. Il-Licenzja baqghet fuq ismu u qatt m asar ebda trasferiment. Kwindi l-arma tan-nar ghadha issejjah lilu u hu responsabbli ghall-istess. L-imputat ghalhekk ghandu d-dmir impost fuqu mill-Kapitolu 480 illi jzomm dina l-arma tan-nar fil-kustodja tieghu, dmir li kien impost fuqu anke taht l-Ordinanza Dwar l-Armi li fl-Artikolu 8 (i) tal-istess jitkellem dwar il-kustodja tal-armi tan-nar. Illi fi kwalunkwe kaz l-imputat ammetta t-tieni akkuza u kwindi l-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta'l-istess.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 47 u 51(8) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel (1) akkuza, issibu hati tat-tieni (2) akkuza u tikkundannah multa ta' mitejn u hamsin ewro (€250), liema multa ghandha tithallas f'25 rata mensili ta' €10 'il wahda, bl-ewwel pagament ikun donut fil-31 ta' Mejju 2010.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------